Innijiet ċiviċi b’rabta mal-Ħamrun

# (I) Innu lill-Ħamrun

Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: F’kull belt u raħal f’Malta dejjem issib min jesprimi mħabbtu lejn art twelidu permezz tal-arti. Minn dawn l-artisti, il-Ħamrun ukoll għandu kemm-il wieħed minnhom biex jiftaħar. Għaldaqstant, f’din is-sensiela ser nibda nlaqqagħkom ma’ xi innijiet ċiviċi b’rabta ma’ dan is-subborg li, għad li kellu twelid modest, kiber u żviluppa f’daqqa. F’kull artiklu ser ninkludi wkoll xi tagħrif żgħir fuq l-awtur u l-kompożitur tal-innu fl-isfond stroriku li fih ikun intiseġ.

Kliem muftieħ: Ħamrun, Innu lill-Ħamrun, Dun Frans Camilleri, Mro. Patri Albert Borg O.S.A., Mro. Anthony Chircop, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Għaqda tal-Mużika San Gejtanu (Ħamrun), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun).




Fl-1981 kien tnieda konkors għall-aħjar innu lill-Ħamrun fl-okkażjoni tal-festi ċentinarju tal-parroċċa. L-innu żżanżan proprju fil-jiem ta’ dawn il-festi ċentinarji, li bdew fil-15 ta’ Novembru u laħqu l-qofol tagħhom fis-6 ta’ Diċembru. Fil-programm ta’ attivitajiet li kienu tħejjew għal dan il-ġublew insibu li, il-Ħadd 29 ta’ Novembru, il-banda ‘San Ġużepp’ laqgħet il-wasla tar-relikwja ta’ San Gejtanu fil-Blata l-Bajda minfejn kellu jibda l-korteo bl-innu ‘Xerrdu l- Ferħ’ u l-**Innu lill-Ħamrun**. L-istess banda kienet daqqet ukoll fid-dħul tal-korteo minn quddiem il-knisja u wara daqqet marċi brijużi mat-toroq ewlenin tal-Ħamrun. L-istess għamlet il-banda ‘San Gejtanu’ nhar il-Ħadd 6 ta’ Diċembru billi daqqet fuq iz-zuntier mal-ħruġ u waqt il-purċissjoni bir-relikwja u l-istatwa ta’ San Gejtanu. Hija wkoll temmet il-programm tagħha bl-**Innu lill-Ħamrun** u l-innu popolari. Minn tagħrif li ksibna mill-programm tal-festa ta’ San Gejtanu 1982 jirriżulta li, l-istess innu kien indaqq mbagħad miż-żewġ baned f’daqqa Ħamruniżi fil-festa ta’ San Gejtanu ta’ dik is-sena. L-istess **Innu lill-Ħamrun** kien deher ukoll fil-programm tal-festa ta’ San Gejtanu 1988, paġna 45.



L-awtur tal-versi: Dun Frans Camilleri twieled il-Marsa fl-1919. Studja fis-Seminarju tal-Furjana u l-Università ta’ Malta. Ħa l-quddiesa fl-1943. Sena wara nħatar direttur spiritwali tal-banda ‘San Gejtanu’, kariga li żamm għal għomru. Għallem il-Malti fil-Kulleġġ San Alwiġi u s-Seminarju (1944-64). Okkupa diversi karigi bħala segretarju u editur. Kiteb mal-500 innu għal parroċċi, skejjel, għaqdiet reliġjużi u lajċi – innijiet ispirati mill-ħajja Maltija kemm reliġjuża, soċjali u edukattiva, imqanqla b’mod speċjali mill-imħabba u l-qima li kellu lejn il-Madonna u l-qaddisin. Għadd ta’ poeżiji u esejs minn

tiegħu ġew ippubblikati f'antoloġiji u rivisti. Bħala fotografu kien magħruf għar-ritratti li jaqbdu l-ambjent lokali u l-pajsaġġ Malti. Miet fl-1990.



INNU LILL-HAMRUN

Kbir fil-medda ta' artek sabiħa,
Bħal belt ġdida d djar tiegħek ferrixt;
Kbir fil-ġrajja ta' Malta rebbieħa,
Il-qlubija ma' mħabbtek insiġt.

Lilek għażlu l-Mexxejja ta' Malta,
Dar l-Iljuni, fit tarf tal-Hamrun;
Minn fuq l-għolja tas-Samra l-kanuni
Harbtu u rebħu qawwiet Napuljun.

Insellmulek, Art twelidna,
Dejjem sbejħa nixtiquk.
Omm li tajtna l-isem tiegħek,
Kif jixraqlek inħobbuk!

Iġbor lilna bħala wliedek
Fi ħsieb wieħed magħqudin;
Infaħħruk u bl-egħmil tagħna
Nagħtuk ġieħ ilkoll kburin.

Art it-tama fil-ħniena ta' Alla
Ma' l-iltiema, max-xjuħ, mal-fqajrin,
Kif għallimna l-Imqaddes Gejtanu,
Missier tagħna maħbub u ħanin.

Art imbierka fejn ħadmu bla heda
Il-qalbiena li inti kennint:
Kbar u żgħażagħ, magħrufa u bla isem
Li b'ħidmithom stagħnejt u żżejjint.

Insellmulek, Art twelidna, eċċ.

DUN FRANS CAMILLERI

Il-versi tal-**Innu lill-Ħamrun** dehru għall-ewwel darba fil-fuljett tal-festa 1973 maħruġ mill-uffiċċju parrokkjali tal-Ħamrun. L-innu hu miktub fl-istil tipiku tiegħu. Fi kliemu stess, 'l-innijiet popolari jridu jkun sempliċi, kemm fit-tifsir tal-ħsibijiet kif ukoll fil-għażla tal-kelma li trid tkun ukoll popolari.'[1] Huwa jżid jgħid li, mingħajr dawn il-kwalitajiet, 'innu diffiċli biex jindaqq u jitkanta għax ma jkun hemmx ir-ruħ, ma jkun hemmx spontaneità.'[2] Fl-ewwel żewġ strofi jagħtina deskrizzjoni topografika tal-Ħamrun u s-sehem importanti tiegħu fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi (1798). Dejr l-Iljuni kien intuża bħala kwartier ġenerali tal-Assemblea Maltija, filwaqt li, il-kanuni mill-fortizza ta' fuq l-għolja ta' Braxja *ħarbtu u rebħu qawwiet Napuljun*. Fir-ritornell Dun Frans jindirizza lill-Ħamrun bħala *Art twelidna* u *Omm li tajtna l-isem tiegħek* bl-istess mod kif Dun Karm isejjaħ lil Malta fl-Innu Nazzjonali. Il-poeta mbagħad imur biex jitlobha tiġbor lill-uliedha *fi ħsieb wieħed magħqudin*, dak li jfaħħruha u jagħtuha ġieħ b'għemilhom. Fiż-żewġ strofi l-oħra, hu jsejjaħ lill-Ħamrun bħala l-*Art it-tama fl-ħniena ta' Alla* ma' min hu dgħajjef, u l-*Art imbierka* li fiha kulħadd jaħdem biex jaraha tistgħana u tiżżejjen.



L-innu għandu mużika ta' Mro. Patri Albert Borg O.S.A. Twieled il-Belt fl-1919 minn Salvu u Emanwela, imwielda Bonaci. Sar saċerdot fl-eqqel tal-Gwerra. F'Malta, studja l-pjanu u l-armonija għand l-aqwa surmastrijiet. Laħaq *maestro di cappella* taż-żewġ katidrali tal-Belt u l-Imdina fl-1945 u dam f'dan is-servizz sal-1992. Fl-1946 mar jistudja fl-*Istituto Pontificio di Musica Sagra* f'Ruma. Idderieġa għadd ta' kunċerti u oratorji importanti fit-Teatru Manoel u r-*Radio City Opera House*. Għallem il-kant fis-Seminarju Maġġuri tar-Rabat bejn l-1952-63 fejn kien imexxi wkoll il-kor. Fost l-istudenti tiegħu nsibu lil Dun Ġużepp Cachia. Ikkompona diversi xogħlijiet sagri. Miet fl- 2012 fl-età avvanzata ta' 92 sena.

L-**Innu lill-Ħamrun** fih introduzzjoni, strofa u ritornell. Fl-introduzzjoni, immarkata *Mosso ed energico*, l-istess motiv qasir tal-bidu jiġi ripetut għal diversi drabi, u li permezz tiegħu tagħtina ħjiel tal-mużika li tkun ġejja warajha. Fl-istrofa, il-melodija tinqasam f'żewġ partijiet li jikkorrespondu tajjeb mal-ewwel żewġ strofi tal-poeżija. Wieħed jinnota li, fit-tieni parti tal-istrofa, il-mużika donnha tieħu wisq minn innijiet erojċi simili fosthom, l-Innu Nazzjonali Franċiż, fejn hemm il-kliem, *Lilek għażlu l-Mexxejja ta' Malta, / Dar l-Iljuni, fit-tarf tal-Ħamrun*. Qabbel il-melodija ta' dawn iż-żewġt ivrus ma' dawk ta' *La Marseillaise*: *Aux armes, citoyens, / Formez vos bataillons*. Fir-ritornell, il-mużika tnaqqas xi ftit mill-ġirja tagħha biex tikseb ton aktar maestuż. Hawn ukoll, il-melodija tinqasam f'żewġ taqsimiet daqsinsew biex jagħmlu tajjeb għaż-żewġ strofi li nsibu fih. Hawnhekk, l-innu jieħu żvolta ġdida, megħjun ukoll minn qalba fit-tonalità, u akkumpanjament xi ftit jew wisq marzjali ħalli jagħti impressjoni aktar drammatika f'mixjietu. L-innu jilħaq il-qofol tiegħu fit-tieni parti tal-melodija bil-kant ta', *Infaħħruk u, bl-għemil tagħna / nagħtuk ġieħ ilkoll kburin*. Il-klajmaks hija xiħaġa mistennija f'innu popolari li hu ntiż biex jitkanta bla tbatija mill-popolin.

[1] 'Innijiet', Lux Press, Ħamrun (1948).
[2] Idem.



L-arranġatur: Mro. Twanny Chircop, ħu Oreste, it-Tenur ta' fama mondjali, twieled il-Ħamrun fl-1929 minn Giovanni u Fortunata, imwielda Panzavecchia. Tgħallem idoqq ħafna strumenti differenti. Hawn Malta tgħallem għand Mro. Carmelo Pace. Għamel żmien idoqq fid-*dance bands* flimkien ma' ħutu tewmin f'riċevimenti varji u swali tal-ballu. Aktar tard, daħal idoqq mal-banda tal-Forzi Armati u ma' diversi orkestri. Ħa kors ta' surmast fir-*Royal Military School of Music* minfejn kiseb it-titlu ta' *Military Bandmaster* mill-*War Office*. Fl-istess żmien ukoll, kiseb diploma mill-skola militari rjali tal-mużika. Mal-wasla tiegħu lura Malta fl-1970, inħatar surmast tal-banda tal-R.M.A. Għal xi żmien kien ukoll surmast tal-banda 'San Ġużepp'. Idderieġa darbtejn l-orkestra għall-*Eurovision Song Contest*. Għal snin twal, għallem fl-iskola tal-mużika tal-Gvern. Kien kompożitur u arranġatur ta' kull tip ta' mużika klassika/popolari, b'uħud minnhom jiġu ippubblikati barra minn Malta. Miet fl-2006 fl-età ta' 76 sena.

L-arranġament tal-**Innu lill-Ħamrun** għall-banda jġib id-data tat-2 ta' Novembru tal-1981, li jfisser li, tlesta erbat ijiem biss qabel ma ndaqq għall-ewwel darba fil-pubbliku. Fih Mro. Chircop żied xi skwilli u passaġġi qosra f'forma ta' skajjel fuq l-istrumenti tal-injam. Dan minbarra l-ħafna waqtiet fanfarreski ġejjin min-naħa tal-kurunetti b'dak il-ħoss maestuż tagħhom. Fl-ewwel parti tal-innu niseġ ukoll il-kontro-melodija. Żied ukoll, koda li ma kenitx fl-oriġinal għal tmiem mill-aktar imponenti.